# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-14-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 25 ta' Novembru 2015 fis-6.05 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech<br>Carl Grech (6.15pm) |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skuzati** | |
| **Kunsillieri** | Mark Azzopardi |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |

**14/01** **Talba**

**14/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.05 p.m. billi ntqalet it-talba. Is-Sur Mark Azzopardi u l-Ambaxxatur Żagħżugħ ġew skużati.

**14/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 13**

**14/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

**14/02/02** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati dawn il-minuti.

**14/03** **Punti mtella' mill-Minuti 13**

**14/03/01** **Para 13/03/03:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel site visit mal-kuntrattur u x-xogħol fuq il-bankina fi Triq Mons L. Catania għandu jibda fi żmien qasir.

**14/03/02** **Para 13/03/04:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit lesta l-BOQ ta' Ġnien ta' Żagħruna u għandha ssir applikazzjoni mal-Catch the Drop Campaign biex issir ukoll il-ġiebja. Għandha ssir stima biex isir fence ġdid. Rigward il-materjal li ser jintuza ghall-playing field equipment ser jinghataw dettalji aktar il-quddiem.

**14/03/03** **Para 13/03/07:** Ir-rapport li sar mill-WD rigward il-problema ta' pooling tal-ilma wara xita fi Triq iż-Żagħruna kantuniera ma'Triq l-Indipendenza ser jigi mgħoddi lill-Perit tal-Kunsill għall-parir tiegħu kif tista' tiġi ndirizzata din il-problema.

**14/03/04** **Para 13/03/09:** Il-Kunsill ġie nfurmat li TM għandha tibda x-xogħol biex jinfetaħ il-culvert żgħir fi Sqaq vicin il-Ġebel il-Kbira.

**14/03/05** **Para 13/03/13:** Ġie deċiż li l-Junction Box fil-bypass ta' Birguma issir mill-kuntrattur tal-Kunsill bir-rati stabbiliti fit-tender.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

Is-Sur Carl Grech daħal għal-laqgħa fis-6.15pm.

**14/03/06** **Para 13/03/11:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa ma' TM rigward Traffic Management fi Triq San Ġwann ser issir il-Ġimgħa, 27 ta' Novembru fid-9.00am.

**14/03/07** **Para 13/06/01:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-applikazzjoni għall-fondi għall-attivitajiet kulturali (Memo 30/2015). Din wara li saret laqgħa mas-Sur Mario Camilleri. Għal din il-laqgħa attendew ukoll is-Sindku Giljan Aquilina, il-Kunsillier Christopher Fenech, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u rappreżentant mid-Dwal Ġodda.

**14/03/08** **Para 13/07/01:** Għandha ssir stima mill-WD biex fi Sqaq il-Ħofra jsir patching bil-konkos.

Il-Kunsill innota li saret it-tiswija fir-"roundabout" ta' Triq San Ġwann bi spiża ta' 250 Ewro biss minflok 850 Ewro kif kienet tindika l-istima tal-kuntrattur.

Il-Kunsill ġie nfurmat li nxtrat is-siġra kbira tal-Milied li għandha tintrama fil-pjazza. Kien hemm diskussjoni rigward Triq l-Għaxqet l-Għajn. Ġie deċiż li din tingħalaq bil-bollards tal-konkos fejn jitħalla aċċess biss bil-mixi. Għandha ssir tabella biex tindika li t-triq ingħalqet.

Ġie deċiż li tinġabar stima minghand il-Perit għal scarifying u resurfacing għal parti minn Triq Caravaggio.

**14/03/09** **Para 13/07/03:** Għad iridu jsiru l-ventijiet mal-fanali tat-toroq**.**

**14/03/10** **Para 13/07/04:** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li għad qed isiru l-preparamenti kif ukoll il-costings biex forsi jinfetaħ Day Centre għall-anzjani fil-Għargħur.

**14/03/11** **Para 13/07/05:** Is-Sur Christopher Fenech informa lill-Kunsill li l-attività għall-Palazz tal-Inkwiżitur li saret fl-24 ta' Novembru 2015 kienet waħda ta' suċċess.

**14/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**14/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Ġie deċiż li l-pagament Numru 13 jiġi mwaqqaf sakemm jiġi stabbilit ezatt ser ikunu qed joffru Central Trading Co. Ltd. Pagament numru 9 għandu jinħareġ pro rata minħabba li x-xogħol ta' Diċembru għadu ma sarx. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti l-oħra.

**14/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**14/05/01** 18115082238137 Talba biex f'parti ta' Triq Fidel Zarb issir No Stopping minflok No Waiting. Il-Kunsill ma qabilx ma' din għaliex ikun hemm bżonn li jieqfu u jħottu xi affarijiet.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**14/05/02** 18115068238138 Talba biex f'parti minn Triq il-Ġnien issir tabella ta' Priority għal dawk li jkunu qegħdin jitilgħu. Ma kienx hemm qbil fuq din.

**14/05/03** 18115030238282 Talba biex jiġu mgħarrfa s-sidien ta' xi residenti fi Triq Caravaggio l-ġranet u l-ħinijiet li għandhom jinħarġu l-iskart. Kien hemm qbil fuq din.

**14/05/04** Is-Sur Giljan Aquilina talab biex:

**05/04/01** Teħel tabella "Do Not Obstruct" fi Triq l-Indipendenza. Kien hemm qbil fuq din.

**05/04/02** Titqiegħed kaxxa tal-karità għall-ikel preserve għal nies fil-bżonn li ħarġu minn Mount Carmel. Ġie deċiż li ssir verifika fuq din u jekk hu minnu titqiegħed din il-kaxxa.

**05/04/03** Jiġi provdut materjal biex resident jagħmel il-patching bil-konkos fi Sqaq tal-Feraħ. Ġie deċiż li jiġi provdut zewġ jardi konkos għal din. Il-Kunsill innota li l-Gvern ma kiex kesa bil-konkos it-triq kollha.

**05/04/04** Issir bollard oħra permanenti fi Triq Stiefnu Zerafa quddiem l-entratura tal-ground. Kien hemm qbil fuq din.

**14/06** ***Korrispondenza***

**14/06/01** Kien hemm diskussjoni fuq korrispondenza minn residenta rigward volum qawwi ta' traffiku fi Triq Ferdinand. Il-Kunsill innota li mhux kontinwament ikun hemm volum qawwi ta' traffiku u fuq kollox ma jista jsir xejn.

**14/06/02** Kien hemm diskussjoni fuq il-laqgħa li saret mar-residenti fejn kien hemm numru ta' issues li ġew diskussi. Fost oħrajn gie deciz li titqassam ittra lit-tfal tal-iskola biex iħeġġu lill-ġenituri tagħhom jiddisponu mill-iskart tagħhom kif suppost.

**14/06/03** Ġiet innutata acknowledgement għall-applikazzjoni tagħna għal Memo 30/2015.

**14/06/04** Il-Kunsill ġie nfurmat li r-Reġjuni ser jingħatalhom 2 ħaddiema tal-IPSL fejn dawn jiġu assenjati xogħol fil-Kunsilli membri ta' dak ir-Reġjun.

**14/06/05** Ġew innutati korrispondenza mill-MEPA.

**14/06/06** Kien hemm diskussjoni rigward ftehim li għandu jiġi iffirmat mill-Kunsill u TM rigward xi xogħol ta' resurfacing bil-konkos li għamlu TM. Ġie deċiż li jiġi ffirmat dan il-ftehim imma issir covering letter li x-xogħol li sar, ma sarx sew u għandu jiġi rranġat.

**14/06/07** Is-Sur Giljan Aquilna ressaq korrispondenza li kellu ma' diversi Ministeri, Dipartimenti u l-Pulizija rigward bini tal-gvern li huwa fi stat perikoluż fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill ser ikompli jinsisti biex dan il-bini jitnehha.

**14/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**14/07/01** Talba biex ssir applikazzjoni għall-bozza ġdida fi Triq Ta' Żagħruna. Gie innotat li diga kienet saret applikazzjoni li kienet giet rifjutata mill-Enemalta.

**14/07/02** Is-Sur Carl Grech talab biex issir kaxxa safra fi Triq Stiefnu Zerafa minħabba li hemm min qed ikollu l-aċċess għal garage tiegħu bblokkat. Il-Kunsill innota li diga hemm kaxxa safra fuq il-post.

**14/07/03** Is-Sur Christopher Fenech ippropona li jsiru dawn it-tabelli ġodda: Chevron fi Triq San Ġwann, Cul-de-Sac fi Triq il-Kbira. Għandhom jitwaħħlu 4 tabelli oħra fi Ġnien il-Paċi, fejn 2 ikunu biex ma taqtax fjuri u 2 ikunu biex ma titmax qtates. Kien hemm qbil fuq dawn. Is-Sur Fenech talab biex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lid-Dipartiment tal-Agrikoltura għal qsari li ngħataw lill-Kunsill Lokali. Hu nforma lill-Kunsill li ser jattendi s-Sur Edgar Preca għall-attività tat-13 ta' Diċembru 2015.

**14/07/04** Is-Sur Giljan Aquilina elenka xi spejjeż li ser ikun hemm bżonn għall-attività tal-Milied fil-Pjazza. Dawn jinkludu, Pulizija, barriers, dawl u sound, fjakkoli, trasport u oħrajn. Kien hemm qbil fuq dawn.

**14/07/05** Il-Kunsill ħa l-opportunità biex jifraħ lis-Sur Giljan Aquilina li ggradwa ftit ġranet qabel.

**14/08** **Aġġornament**

**14/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7.45 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar t-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |